Minuti tat-tlieta u ħamsin laqgħa tas-seba' Kunsill Lokali għall-Gudja msejħa b'urġenza u li saret fl-uffiċċju amministrattiv tal-Kunsill (uffiċċju temporanju fil-Librerija G. Zammit) nhar l-Erbgħa 19 t'Awwissu 2015 fis-6.00pm.

| | | |
|---|---|---|
| Preżenti: | Sindku | John Mary Calleja |
| | Viċi Sindku | Romeo Baldacchino |
| | Kunsilliera | Mark Anthony Sammut, Demelsa Grech u Stefan Caruana |
| | Per pro Aġent Segretarju Eżekuttiv | Joseph M. Formosa |

Aġenda:-

1. Il-ħidma tal-Kunsill minn post temporanju - il-Librerija G. Zammit.

2. Għeluq tal-laqgħa

**Ftuħ tal-laqgħa**

Il-laqgħa bdiet fis-6.05pm wara talba qasira minn dawk kollha preżenti. Mal-ftuħ tal-laqgħa s-Sur Joseph M. Formosa informa lill-Kunsill illi s-Sur Busuttil kien jinsab imsiefer u ppropona li s-Sur Joseph M. Formosa jkun id-delegat tiegħu. Il-Kunsill qabel dwar din id-delega.

**1.0 <u>Il-ħidma tal-Kunsill minn post temporanju</u>**

1.1 Is-Sindku fetaħ il-laqgħa billi għamel referenza għall-imejl li l-Kunsill irċieva mingħand is-Sur Edwin Balzan Viċi President tal-UĦM datata 07 t'Awwissu 2015 liema imejl ġiet ukoll ċċirkulata għand il-Kunsillieri kollha qabel il-laqgħa. Is-Sindku qal li din l-imejl għandha tkun annessa ma' dawn il-minuti u mmarkata dokument 'A'.

Is-Sindku qal illi xi tliet xhur ilu kellu laqgħa mas-Sur Balzan fejn ġie diskuss il-qagħda preżenti fejn il-Kunsill ilu jaħdem fil-bini tal-Librerija G. Zammit li hija wkoll parti mill-bini tal-Iskola Primarja tal-Gudja, Kulleġġ San Benedittu.

Is-Sindku qal li s-Sur Balzan kien ilmenta miegħu li l-ħaddiema ma għandhomx post xieraq minn fejn jaħdmu speċjalment fin-nuqqas ta' faċilitajiet tat-*toilets* u attrezzi oħra li normalment issibhom f'uffiċċini responsabbli tal-amministrazzjoni tal-Kunsill.

Is-Sindku qal li huwa kien informa lis-Sur Balzan li xogħlijiet meħtieġa fil-bini tal-Kunsill kienu lesti u li l-amministrazzjoni tal-Kunsill kienet sejra lura fil-bini 88 Triq R. Caruana fi ftit taż-żmien tollerabbli minn dik il-laqgħa.

Is-Sindku qal li huwa jħoss li din l-imejl fil-kontenut tagħha tas-07 t'Awwissu 2015 mis-Sur Balzan hija reazzjoni li l-Kunsill għandu ma ħax deċiżjoni tad-data difenettiva dwar meta l-Kunsill kien sejjer lura u jibda jopera mill-uffiċċini ta' 88 Triq R. Caruana, il-Gudja.

1.2 Bidu tad-diskussjoni

Id-diskussjoni bdiet billi l-Kunsill wera l-fehma li meta jkun hemm xi konflitt jew xi problema tal-ħaddiema fejn tirrigwarda l-ħidma u relazzjoni bejn il-ħaddiema u l-Kunsill huwa l-Kunsill li l-ewwel għandu jkun jaf b'dan il-konflitt jew problema. Il-Kunsill dejjem apprezza l-ħidma u l-koperazzjoni tal-ħaddiema tal-Kunsill u għalhekk anke f'dan l-istadju l-Kunsill jaħdem sabiex tinsab soluzzjoni xierqa fl-aħjar interess ta' kulħadd.

1.3 Dikjarazzjoni bil-permess tas-Sindku u bl-approvazzjoni tal-Kunsilliera kollha preżenti s-Sur Joseph M. Formosa għamel din id-dikjarazzjoni:-

"Jiena (Joseph M. Formosa) niddikjara li bħala impjegat tal-Kunsill ma għandi l-ebda konflitt mal-Kunsill u li lanqas naf li jeżisti xi konflitt bejn Antoinette Azzopardi u l-Kunsill. L-għan tagħna huwa li nkomplu naħdmu mal-Kunsill sabiex jinkiseb lok fejn il-Kunsill ikun jista' jopera aħjar u li jkun aċċessibbli bla diffikultà għal kull min jersaq għand il-Kunsill."

1.4 Tkompli d-diskussjoni

Id-diskussjoni kompliet tħares lejn il-qagħda preżenti fejn il-Kunsill qed jaħdem b'mod ristrett u mhux tant konvenjenti u bla faċilitajiet meħtieġa fosthom nuqqas ta' *toilets*.

Il-Kunsill ħa wkoll il-konsiderazzjoni tal-fatt li bosta mir-residenti tal-Gudja jħossu li fejn qed jopera l-Kunsill preżenti huwa wisq aktar aċċessibbli u li n-nies il-ħin kollu qed jiffrekwentaw u jieħdu servizz mingħand il-Kunsill anke jekk hemm nuqqas ta' privatezza u fi spazju limitat ħafna.

Qam il-punt ukoll li l-Kunsill ma tantx jista' jinvesti f'attrezzi fil-bini ta' 88 Triq R. Caruana peress li l-Kunsill ma għandu l-beda titoli li jopera minn dan il-bini li huwa biss parti mill-Għassa tal-Pulizija u li l-Kunsill jinsab jopera b'dan il-bini b'mod uffiċjali u magħruf mill-awtoritajiet iżda b'tolleranza mill-Kummissarju tal-Pulizija.

1.5 Problema serja ta' aċċessibilità

Il-Kunsill iddiskuta wkoll il-problema serja ta' aċċessibilità li teżisti dwar il-bini fi 88 Triq R. Caruana u hawn hekk anke l-Kummissjoni Nazzjonali dwar Persuni b'Diżabilità (KNDP) għandha tiġi magħrufa dwar il-ħtiġijiet tal-Kunsill bil-ħsieb li tgħin il-Kunsill.

1.6 *Premises* tajbin għall-Kunsill

Il-Kunsill b'mod unanimu qabel li għandu jkompli jaħdem sabiex fl-aqsar żmien possibbli l-Kunsill jakkwista proprjetà li tkun tista' tintuża bħala *premises* tal-Kunsill b'mod permanenti u li taqdi l-ħtiġijiet kollha tal-ħaddiema u li tkun tajba u aċċessibbli sewwa bla ebda diffikultà għal kull min ikollu bżonn jersaq għand il-Kunsill.

1.7 It-triq 'il quddiem

Il-Kunsill iddeċieda li jitlob laqgħa b'mod urġenti mas-Sur Balzan sabiex tiġi spjegata l-ħidma u xogħol tal-Kunsill sabiex jirnexxi jegħleb l-isfidi preżenti u dwar il-ħarsien u dinjità tal-impjegati tal-Kunsill mingħajr ma jkun hemm bżonn ta' xi azzjonijiet mhux neċessarji.

Il-Kunsill iddeċieda wkoll li t-talbiet tiegħu lill-Ministeru tal-Edukazzjoni u Xogħol jintbagħtu wkoll lill-Ministru Owen Bonnici (Ministru tal-Ġustizzja u Gvern Lokali) u lis-Segretarju Parlamentari Dr Stefan Buontempo (Segretarju Parlamenti għall-Gvern Lokali) u tintalab laqgħa magħhom bil-għan li tinsab il-proprjetà meħtieġa.

Il-Kunsill iddeċieda wkoll illi ssir il-ħidma kollha meħtieġa sabiex ikun hemm *toilet* u faċilitajiet fil-librerija u b'hekk jonqos l-inkonvenjent preżenti. Il-Kunsill qabel ukoll li jsir il-finanzjament dwar dan.

## 2.0 <u>Għeluq tal-laqgħa</u>

2.1 Peress li l-aġenda li għaliha ssejħet il-laqgħa ġiet eżawrita s-Sindku għalaq il-laqgħa fis-7.30pm sine die.

Joseph M. Formosa
Per pro Aġent Segretarju Eżekuttiv

John Mary Calleja
Sindku

Data: ____________________